MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 887/2006

Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited (C23867).

Vs

Akiko Miya u Michael konjugi Nagata.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenut ihallas s-somma ta' elf, mitejn u erbgha liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1,204.32) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet ta' turnkey maghmula fl-appartament numru 209, Town Square, Sliema, mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut stess, inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud. Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandati ta' inibizzjoni u sekwestru u bl-imghax legali mid-dati tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi preliminarjament il-konvenut Michael Nagata ma jismux Akiki Kathinka Miya Nagata. Akiko Miya Nagata hija mart Michael Nagata li ma ghandha l-ebda rabta kontrattwali mas-socjeta’ attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-gudizzju. Illi fil-mertu t-talba tas-socjeta’ attrici fir-rigward ta’ Michael Nagata hija intempestiva u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici u in ogni caso, l-ammont mitlub huwa eccessiv stante illi s-socjeta’ attrici ghadha ma espletatx ix-xogholijiet kollha tal-progett turnkey li bih giet inkarigata, u parti mix-xogholijiet li gew maghmulin saru b’mod hazin u/jew mhux skond is-sengha u dan kif jidher ukoll mill-ittra mibghuta mill-konsulent legali ta’ Michael Nagata hawn annessa bhala Dok. ‘A’. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors tas-socjeta’ attrici datat 17 ta’ Novembru 2006.

Ra r-risposta tal-konvenut datat 23 ta’ Jannar 2007.

Ra d-digriet tieghu tat-8 ta’ Mejju 2007.

Ra l-affidavit ta’ Johann Camilleri prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra l-affidavit ta’ Andrew Camilleri prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra l-affidavit ta’ Mark Schembri prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra l-affidavit ta’ Christopher Zahra prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema x-xhieda in kontro ezami ta’ Johann Camilleri.

Sema x-xhieda in kontro ezami ta’ Mark Schembri.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawa.

**Ikkunsidra.**

Illi z-zewg diretturi tas-socjeta’ attrici, u cioe Johann Camilleri u Andrew Camilleri xehedu permezz ta’ affidavit taghhom, fejn spjegaw illi s-socjeta’ attrici kienet inghatat *turnkey project* minghand il-konvenut Michael Nagata, sabiex din taghmel diversi xogholijiet fl-appartament tieghu. Huma t-tnejn spjegaw kif il-konvenut kien qieghed jigi rapprezentat minn certu Sam Raichoora, li kien ha hsieb kemm li jordna l-kmamar tal-banju ghall-konvenut kif ukoll li jsegwi x-xogholijiet kollha li kienet qed taghmel is-socjeta’ attrici fl-appartament tal-konvenut. Is-Sur Raichoora wkoll kellu appartament fl-istess blokk tal-konvenut u kien inkariga lis-socjeta’ attrici sabiex taghmel l-istess xogholijiet fl-appartament tieghu, li kienet qed taghmel fl-appartament tal-konvenut.

Skond ix-xhieda prodotti mis-socjeta’ attrici, alavolja sar ix-xoghol kollu li s-socjeta’ attrici giet inkarigata taghmel ghall-konvenut, dan ta’ l-ahhar baqa ma hallasx il-bilanc dovut lis-socjeta’ attrici, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. L-istess xhieda kkonfermaw illi x-xoghol kien tlesta kif suppost u kien sar xoghol tajjeb u li ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni valida ghalfejn ma kienx thallas il-bilanc dovut mill-konvenut. Skond Johann Camilleri, l-konvenut kien kuntent bix-xoghol li sar. Anki r-rapprezentant tieghu Sam Raichoora kien ta’ spiss ifahhar ix-xoghol u qatt ma kien ilmenta dwar il-kwalita’ tax-xoghol li kien gie ezegwit.

Kemm ix-xhud Johann Camilleri kif ukoll Andrew Camilleri xehedu li Sam Raichoora kien talabhom sabiex izidu l-prezzijiet fl-istima li kellhom jaghtu lill-konvenut, filwaqt li jnaqqsu l-istess ammont mill-istima tieghu. Dawn fuq insistenza ta’ Raichoora fil-fatt hekk ghamlu, izda l-konvenut xorta wahda accetta l-istima taghhom u ma ilmentax dwar dan. Mhux talli hekk, imma talli s-socjeta’

attrici inghatat l-inkarigu li tezegwixxi l-*turnkey project* mill-konvenut.

Illi t-Tribunal josserva li hemm nuqqas kbir ta' provi prodotti minn-naha tal-konvenut in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu. Fil-fatt la xehed il-konvenut u lanqas ma pproduca xhud iehor. Sar biss il-kontro ezami ta' Johann Camilleri u Mark Schembri, fejn rega gie kkonfermat il-fatt li s-socjeta' attrici giet mitluba mir-rapprezentant tal-konvenut Sam Raichoora, sabiex tonfoh il-prezzijiet li kienet tat lill-konvenut fl-istima tieghu, u tnaqqas dan l-istess ammont mill-istima ta' Raichoora. Oltre dan ma harget l-ebda prova ohra in sostenn tal-eccezzjonijiet tal-konvenut mill-kontro ezamijiet li saru, u cioe, bl-ebda mod ma gie ppruvat illi x-xogholijiet ma gewx kompluti, jew li saru hazin jew mhux skond is-sengha w l-arti. Ghalhekk, it-Tribunal ghandu quddiemu biss il-provi li resqet is-socjeta' attrici, u cioe illi x-xoghol kollu gie ezegwit, u li gie ezegwit tajjeb u skond is-sengha w l-arti.

Illi alavolja ma hemm l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens, it-Tribunal josserva illi anki jekk il-prezzijiet fl-istima tal-konvenut gew '*inflated'* mis-socjeta attrici, dan ta' l-ahhar xorta wahda accetthom, u b'hekk il-kuntratt ta' appalt gie konkluz u miftiehem fuq l-istimi prezentati lilu, u huwa wiehed validu. Dan ifisser illi jekk ix-xoghol tlesta mis-socjeta' attrici, kif fil-fatt hija qed issostni, l-bilanc dovut ghandu jithallas lilha mill-konvenut.

Jinghad ukoll illi lanqas ma ngabet xi prova konkreta ghalfejn il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk in vista tad-digriet tieghu tat-8 ta' Mejju 2007, fejn dan it-Tribunal laqa t-talba sabiex issir korrezzjoni fl-ismijiet tal-konvenuti, u fin-nuqqas ta' xi prova kontrarja, t-Tribunal ma jara l-ebda raguni valida ghalfejn il-konvenuta, u cioe l-mara tal-konvenut, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma

ta’ elfejn, tmien mija u hames Ewro u wiehed u tletin centezmu (€2805.31), ekwivalenti ghal Lm1204.32, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------